L-AKKADEMJA TAL-MALTI AD 1920
Dar Doreen Micallef, 12, Flat 1, Triq Sant'Andrija, Il-Belt Valletta VLT 1341
info@akkademjatalmalti.com | www.akkademjatalmalti.com

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**

**Appoġġ qawwi tal-Ministru Bartolo lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

L-Akkademja tal-Malti tifraħ lill-Ministru tal-Edukazzjoni li lbieraħ, bi kliem sod u ċar, wera l-fiduċja sħiħa tiegħu fil-ħidma tal-Kunsill tal-Malti. U dan mhux bil-kliem biss imma bil-fatti, għaliex – meta ra l-ħidma kbira li wettaq il-Kunsill fl-10 snin li ilu mwaqqaf – iddeċieda li jirdoppja l-finanzi tal-Kunsill u jagħtih ħaddiem ieħor biex ikun jista' jaħdem iktar u jwassal il-messaġġ tiegħu aħjar.

Ħabbar ukoll li fis-7 ta' Novembru se jsir Forum Nazzjonali biex naraw x'inhuma l-ħtiġijiet ta' lsienna bħalissa u flimkien infasslu għall-ġejjieni tiegħu.

Kif qal l-Onor. Bartolo, issa kull min qagħad jispekula li l-Ministru mhux kuntent bil-Kunsill u se jxoljih għandu risposta ċara.

L-Akkademja ipparteċipat fil-konsultazzjoni li nieda l-Ministru, u ltaqgħet ukoll mal-Kunsill u wegħditu l-appoġġ tagħha.

Trevor Żahra
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi

3 ta' Ottubru 2015

President – Olvin Vella | Viċi President – Dr George Farrugia | Segretarju – Joseph P. Borg
Teżorier – Inġ. Maurice Mifsud Bonnici
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi – Trevor Żahra | Assistent Segretarju – Reno Fenech | Assistent Teżorier – Phyllis Debono
Membri: Victor Fenech, Achille Mizzi, Rita Saliba, Claire Zerafa